DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/674

tat-3 ta' April 2017

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam għal dak li jirrigwarda l-emendi fl-Anness III għal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192(1) u 207(3), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali (il-"Konvenzjoni ta' Rotterdam") permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE ([1]). Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam fl-Unjoni.

(3) Sabiex ikun żgurat li l-pajjiżi ta' importazzjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni offruta bil-Konvenzjoni ta' Rotterdam, jeħtieġ li tiġi appoġġata r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika, korp sussidjarju tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, rigward l-inklużjoni, fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, tal-karbofuran, il-karbosulfan, l-asbestos krisotilu, il-paraffini klorurati b'katina qasira, il-komposti kollha tat-tributiltin, it-triklorfon, il-fentijon (il-formolazzjonijiet b'Volum Ultra Baxx (ULV) b'640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L) u l-formolazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli jew konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar. Dawn is-sustanzi diġà huma pprojbiti jew ristretti ħafna fl-Unjoni, u għaldaqstant huma suġġetti għal rekwiżiti tal-esportazzjoni li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam.

(4) It-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam ħijaa mistennija li tiddeċiedi dwar l-emendi proposti fl-Anness III għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam. L-Unjoni għandha tappoġġa dawk l-emendi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam hija li l-Unjoni għandha tappoġġa l-adozzjoni tal-emendi fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali ([3]) għal dak li jirrigwarda l-inklużjoni tal-karbofuran, il-karbosulfan, l-asbestos krisotilu, il-paraffini klorurati b'katina qasira, il-komposti kollha tat-tributiltin, it-triklorfon, il-fentijon (il-formolazzjonijiet b'volum ultra baxx (ultra low volume/ULV) b'640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L) u l-formolazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli jew konċentrat solubbli) li fihom diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, li jikkorrispondu għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluży (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

([3]) ĠU L 63, 6.3.2003, p. 29 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 046 p. 93).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-3 ta' April 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
R. GALDES